MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-13 ta' April, 2007

Citazzjoni Numru. 223/2005

**A**

**-vs-**

**B.**

**Il-Qorti;**

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fil-5 ta’ Lulju, 2005 li permezz tagħha l-attriċi esponiet bir-rispett:

Illi l-attriċi żżewġet lill-konvenut fit-28 ta’ April, 2001 (Dok. A).

Illi l-kontendenti għandhom tarbija X, li twieldet fl-14 ta’ Awissu, 1999 (Dok. B).

Illi l-kunsens tal-partijiet għal dan iż-żwieġ kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tagħha;

U illi l-kunsens tal-partijiet kien inkiseb b'esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu jew ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa;

U illi, għalhekk, l-imsemmi żwieġ huwa null skond it-termini tal-arikolu 19 (1) (d) u/jew (f) u/jew (h) tal-Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta li Jirregola ż-Żwiġijiet.

Jgħid għalhekk, il-konvenut għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. tiddikjara u tiddeċiedi illi ż-żwieġ ikkuntrattat bejn l-attriċi u l-konvenut huwa null u bla effett.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li huwa nġunt sabiex jidher in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attriċi maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut ippreżentata fil-5 ta' Awissu, 2005 li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi t-talba attriċi sabiex iż-żwieġ ikkontrattat bejn il-partijiet fit-28 ta' April, 2001 jiġi dikkjarat null u bla effett hija infondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess attriċi.

2. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali.

Rat l-affidavits tal-partijiet u ta’ omissis.

Semgħet xhud u l-kontro-eżamijiet relattivi.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta’ Marzu, 2007 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qed titlob l-annullament taż-żwieġ kontrattat bejn il-partijiet fit-28 ta’ April, 2001 a bażi tal-artiklu 19 (1) (d), (f) u (h) tal-Kapitlu 255 tal-Liġijiet ta’ Malta. Il-konvenut qed jikkontesta t-talba u f’kull każ kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin; “*F’materja ta’ żwieġ illi huwa ta’ ordni pubbliku, ma tistax tagħmilha daqshekk faċli li parti tirrepeti kliem il-liġi u l-parti l-oħra tammetti u b’hekk jirrendu ż-żwieġ annullabbli bl-iktar mod faċli u espedjenti. Hawn ma aħniex fil-kamp ta’ kreditu likwidu jew responsabilita’ ta’ xi kolliżjoni imma f’kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax tħalli nies li kappriċċożament wara xi żmien ta’ żwieġ jiddeċiedu illi kellhom nuqqas ta’ diskrezzjoni fuq iż-żwieġ u meta jkollhom sieħba jew sieħeb ieħor jerġgħu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirriżultaw verament raġunijiet għall-annullament tiegħu l-istess żwieġ għandu jiġi annullat pero’ dan ma għandux ikun sabiex jiġu akkomodati l-kapriċċi ta’ dak jew l-ieħor. Għalhekk il-kawżali għall-annullament għandha tirriżulta ċara u mingħajr dubbju.*” (Anna Tonna vs Alexander Tonna deċiża mill-Qorti ta’ l-Appell fis-6 ta’ Novembru, 1991).

L-artikolu ċitat mill-attriċi jirrigwardjaw;

19 (1) (d) – vizzju tal-kunsens ta’ xi parti li jkun b’difett serju ta’ diskrezzjoni fuq il-ħajja miżżewġa jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tagħha jew b’anomalija serja psikoloġika li

tagħmilha impossibbli li dik il-parti taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;

19 (1) (f) – li l-kunsens ta' xi parti jkun inkiseb b'esklużjoni pożittiva taż-żwieġ jew xi element essenzjali tiegħu, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ.

19 (1) (h) – li l-konvenut ma kellux fiż-żmien taż-żwieġ il-fakoltajiet jew rieda biżżejjed biex joħloq kunsens għaż-żwieġ;

Mill-provi mressqa mill-partijiet jidher li l-attriċi ltaqgħet mal-konvenut meta kellha ħmistax (15)-il sena u żżewġet wara li fl-1999 ta' sbatax (17)-il sena kellha tarbija mingħand il-konvenut. Għalhekk iżżewġet ta' dsatax (19)-il sena. Tgħid illi l-konvenut qatt ma kien ta appoġġ għaliha fi żmien it-tqala. F'dak iż-żmien il-konvenut kellu problemi biex jibqa' Malta għaliex ma kellux permess joqgħod hawn Malta u skond l-attriċi ngħataw parir li jiżżewġu biex ikun jista' jibqa'. Meta żżewġu pero' l-problemi baqgħu magħhom għaliex skond l-istess attriċi l-konvenut qatt ma kien jagħti kasha u baqa' jgħix ħajja ta' ġuvni. Tgħid testwalment illi "*kieku ma kienx hemm din il-kwistjoni li Lotfi se jitkeċċa ma kontx niżżewġu.*" Għamlet dan kontra l-parir ta' missierha li mill-bidu kien kontra din ir-relazzjoni. Il-konvenut jiċħad dan kollu u jgħid li huwa dejjem kellu permess jaħdem Malta.

Kif fakkret riċentement il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fil-kawża fl-ismijiet Kif fakkret riċentement il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fil-kawża fl-ismijiet Sylvia Zammit vs Heleno Zammit (13 ta' Frar, 2007) "*Fl-ewwel lok hija rilevanti l-osservazzjoni li* ***onus probandi ei qui dici non ei negat*** *u konformament ma' dan il-prinċipju kardinali f'materja ta' provi, l-oneru tal-prova jirrisjedi fuq il-parti li tallega. Multo magis f'każijiet bħal dawn in disamina fejn teżisti fil-liġi presunzjoni dwar il-validita' tal-kuntratt taż-żwieġ, sakemm ma jiġix muri l-kuntrarju bi prova sodisfaċenti li jeżistu, wieħed jew aktar, mir-raġunijiet*

*espressament kontemplati fil-liġi.* (Appell - Joseph Zammit vs Bernardette Zammit (deċiża - 27 ta' Jannar, 2006);

Il-Qorti kompliet tgħid illi ġie osservat fil-kawża Josette Spiteri vs George Spiteri (Vol LXXXV-II-81) li "*Jinsab assodat fil-ġurisprudenza li jkun hemm difett serju ta' diskrezzjoni kemm il-darba jirriżulta li fil-mument tal-għoti ta' kunsens parti jew oħra tkun priva b'mod sostanzjali ossija gravi, minn dik il-fakolta' kritiko-estimattiva jew kritika valutattiva dwar l-oġġett tal-kunsens taż-żwieġ jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost għall-għażla libera dwar l-imsemmi oġġett. Għalhekk difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju mhux sempliċement nuqqas ta' ħsieb jew nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wieħed jagħmel għażliet jew jieħu deċiżjoni żbaljata (infatti deċiżjoni jew għażla żbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' ġudizzju – PA* Camilleri vs Camilleri *deċiża fil-21 ta' Novembru, 1995). Li parti fiż-żwieġ ma tkunx fehmet suffiċjentement fis-sens li ma tkunx ħasbet biżżejjed jew ma tkunx irriflettiet biżżejjed fuq il-ħajja miżżewġa jew fuq drittijiet jew dmirijiet essenzjali tal-ħajja miżżewġa ma jammontax għal difett serju ta' diskrezzjoni (PA* Selina Vella Haber vs Joseph Gatt *deċiża fil-15 ta' April, 1996). Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju kif ravviżat fl-artiklu 19 (1) (d) irid ikun hemm l-inkapaċita' psikika (mhux neċessarjament anomalija psikoloġika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wieħed jagħraf u jirrifletti u li jiddeċiedi l-liberament fuq l-oġġett tal-kunsens matrimonjali.*

*Konformament mal-premess sabiex l-azzjoni attriċi tirnexxi fuq il-kawżali jeħtieġ li jiġi pruvat sodisfaċentement li fil-mument tal-għoti tal-kunsens il-partijiet jew wieħed minnhom kien affett minn difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-ħajja matrimonjali u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali li din timporta. 'In altri termini e' necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da*

*quell'atto derivano, una discrezione che impegni per il futuro 'Bersini – ċitat fil-kawża* Angela Spiteri Selvaggi vs Joseph Spiteri *deċiża mill-Prim'Awla fl-4 ta' Novembru, 1994). L-obbligazzjonijiet essenzjali fil-ħajja matrimonjali huma bażati fuq il-kunċett ta' unjoni permanenti, esklussiva u rrevokabbli diretta għal komunjoni ta' ħajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija tal-ulied. Din il-kapaċita', li hu jassumi dawn l-obbligi għandha teżisti fiż-żewġ partijiet (PA* Charles Atkins vs Matilde Atkins *deċiża 2 ta' Ottubru, 2003).*

*Iżda la deċiżjoni żbaljata u lanqas kull stat ta' immaturita' ma huma suffiċjenti biex jintegraw dan il-caput nullitatis. Ma hemmx bżonn li parti jkollha xi livell għoli ta' maturita' jew edukazzjoni iżda ta' l-inqas il-livell irid ikun li dik l-istess parti tkun kapaċi tagħmel il-valutazzjoni sħiħa, ponderata u libera dwar iż-żwieġ u dwar id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taż-żwieġ (PA* Melanie Borg vs Joseph Borg *deċiża 29 ta' Ottubru, 2003).*"

Għar-rigward tal-kawżali bażata fuq il-paragrafu (f) in kwistjoni l-Qorti tal-Appell iċċitat is-sentenza fil-kawża Brigitte Veneziani Broccia vs Dr. Joseph Sammut nomine deċiża fid-9 ta' Diċembru, 2002 u qalet li s-"*simulazzjoni tieħu l-forma ta' dak li fid-dutrina ċivili hu deskritt bħala colorem ħabet substantiam vero nullam li b'konsegwenza jirrendi l-kuntratt bħala interament fittizju. Ikun hemm simulazzjoni meta fil-mument tal-għoti tal-kunsens matriminali, parti jew it-tnejn, esternament turi li qed tagħti l-kunsens matriminjali iżda internament u b'att pożittiv tal-volonta' tagħha tkun qed tiċħad il-kunsens għal dak iż-żwieġ jew tkun qed teskludi xi element jew proprjeta' essenzjali għaż-żwieġ.*" (PA Muscat vs Borg Grech – 14 ta' Awwissu, 1995 u Alfred Tonna vs Maria Tonna – 31 ta' Jannar, 1996).

Fil-każ in eżami l-Qorti tħoss li wieħed għandu jara l-kuntest kollu ta' dak li wassal għaż-żwieġ. L-attriċi kienet għadha tifla

meta welldet it-tarbija minn mal-konvenut iżda ma żżewġux mill-ewwel. Madankollu wieħed jifhem li s-sitwazzjoni tagħha, meta kienet għadha tfajla ta' sabatax (17)-il senau b'tarbija xi ġġorr, ma kinittx faċli u wieħed jasal biex jaċċetta li fiċ-ċirkostanzi tagħha ma kellhiex id-diskrezzjoni neċessarja biex tieħu deċiżjoni hekk importanti. Kif ingħad iktar qabel, veru wieħed ma jridx ikollu xi intelliġenza partikolari biex jiżżewweġ għaliex altrimenti ż-żwieġ ikun ċirkoskritt għal parti limitata tal-umanita' iżda wieħef jifhem ukoll li fis-soċjeta' tagħna, għall-attriċi kien naturali li tħoss li jkun aħjar li missier bintha tkun ukoll żewġha – raġunar li mhux dejjem anzi kważi qatt ma jrendi ż-żwieġ feliċi għaliex ikun bażat fuq supposizzjoni żbaljata. Għalhekk ai termini tas-subartikolu (d) it-talba attriċi hija ġustifikata.

**Għal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' t-talba attriċi u tiddikjara null iż-żwieġ bejn il-kontendenti kontrattat fit-28 ta' April, 2001. L-ispejjeż ikunu bla taxxa.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------